# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 5 ta' Marzu 2020**

**Kawza Numru: 29**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 107/2020 JVC**

**Josephine Snoussi**

**vs**

**Carmelo Grixti**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrenti Josephine Snoussi kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. 'Illi r-rikorrenti hija l-proprjetarja ta' l-ghalqa fl-inhawi ta' Has Saptan, Birzebbugia, tal-kejl ta' elfejn, disa mija u

hamsin metru kwadri (2950m2) li hija akkwistat in forza ta' kuntratt tat-tlieta u ghoxrin ta' Gunju tas-sena elf disa mija u disa u disghajn (23/06/1999) [Ara Kuntratt Dok. "A" u Pjanta Dok. "B" hawn uniti], in atti Nutar Dottor Vanessa Pool;

2. Illi l-imsemmija ghalqa tinsab in parte okkupata mill-intimat Carmelo Grixti u dana minghajr ebda titolu validu fil-ligi, u qed jingombra dina l-ghalqa b'zewg dghajjes apparti b'hafna mbarazz, u anke bena struttura bil-pjanci tal-hadid fejn idahhal iz-zwiemel;

3. Illi l-esponenti nterpellat lill-intimat kemm ufficjalment b'zewg ittri l-10 ta' Awissu 2009 u tas-19 ta' Novembru 2009 [Ara Dok. "C" u "D" hawn uniti], u kif ukoll b'ittra legali tal-5 ta' Dicembru 2019 [Ara Dok. "E" hawn unit] sabiex jivvaka u jhalli battal l-ghalqa fuq riferuta, izda huwa baqa' inadempjenti, u sallum ghadu jokkupa parti minn dina l-istess ghalqa b'mod abusiv u kontra l-ligi;

4. Illi dan huwa wiehed mill-kazijiet li huwa kontemplat mill-Artikolu 167 (1)(b) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u ghal dan il-ghan l-esponenti qed tiddikjara u tikkonferma ukoll b'affidavit [Ara Dok. "E" hawn unit] illi fil-fehma taghha l-intimat m'ghandux eccezzjonijiet validi xi jressaq u qieghda prezenzjalment tikkonferma li l-fatti hawn fuq imsemmija huma a konoxxenza taghha personalment;

Ghaldaqstant jghid l-intimat l-ghaliex ma ghandhiex dina l-Qorti ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:-

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh, ai termini ta' l-Artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li l-konvenut qed jokkupa parti mill-ghalqa li tinsab fl-inhawi ta' Has Saptan tal-kejl komplessiv ta' 2950 m2, minghajr ebda titolu validu fil-ligi; u

3. Tikkundanna lill-konvenut jizgombra u jhalli battal l-imsemmija ghalqa fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali ta' l-10 ta' Awissu 2009 u tas-19 ta' Novembru 2009, ta' l-ittra nterpellatorja tal-5 ta' Dicembru 2019, kontra l-konvenut minn issa ngunt biex jidher personalment ghas-subizzjoni;

B'rizerva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-esponenti, senjatament dik ta' danni.'

Semghet il-partijiet fil-verbal tal-lum u qieset li l-konvenut ma rnexxielux iressaq prima facie argumenti quddiem il-Qorti sabiex jigi awtorizzat jiprezenta eccezzjonijiet ghat-talbiet odjerni u dan ukoll ghar-ragunijiet kif dikjarati minn din il-Qorti fl-istess verbal.

Rat illi fil-verbal tal-lum l-attrici talbet li din il-Qorti tghaddi ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat;**

Rat il-kuntratt esebit a fol. 3 tal-process rapprezentanti kuntratt ta' donazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Vanessa Pool li jevidenzja illi r-rikorrenti hija s-sid tal-proprjeta' in kwistjoni fil-kawza odjerna;

Rat id-dokumentazzjoni kollha l-ohra annessa mal-istess rikors guramentat;

Rat partikolarment l-ittra ufficjali datata 10 ta' Awissu 2009 a. fol 7 u l-ittra ufficjali a fol. 8 datata 19 ta' Novembru 2009;

Rat ukoll l-ittra legali a fol. 11 tal-process datata 5 ta' Dicembru 2019;

Rat l-affidavit ta' Josephine Snoussi fejn bil-gurament ikkonfermat li hija sid ta' l-art in kwistjoni;

Illi in vista tal-atti odjerni l-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta w'tiddeciedi l-kawza odjerna hekk kif isegwi;

1. Tikkonferma li qed tilqa' l-ewwel talba u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh, ai termini ta' l-Artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tilqa' t-tieni t-talba u tiddikjara li l-konvenut Carmelo Grixti qed jokkupa parti mill-ghalqa li tinsab fl-inhawi ta' Has Saptan tal-kejl komplessiv ta' 2950 $m^2$, minghar ebda titolu validu fil-ligi u tikkundanna lill-konvenut jizgombra u jhalli battal l-imsemmija ghalqa fi zmien xahar millum;

Bl-ispejjez kollha kif mitluba kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**5 ta' Marzu 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**5 ta' Marzu 2020**